# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 90/2015**

Il-Pulizija

vs

**Michael Carabott**

iben Anthony, imwieled Pieta', fl-14 ta' Settembru, 1977, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 480177(M)

Illum, 31 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Michael Carabott quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'Mejju 2013 u fil-gimghat ta' qabel, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

Talli kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon minghajr ma kellu licenzja taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, instab fil-pussess tieghu l-ammont ta' munizzjon li jeccedi 5000 balla/skartocc, u precizament 50,000 balla/skartocc u dan bi ksur tal-artikolu 20(c) tal-ligi susidjarja 480.02.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha ezebiti ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll bis-sahha tal-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Frar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 23, 48, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-artikolu 5 (1), 51(1) (b) (2) (3) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 20 (c) tal-S.L. 480.02, ordnat il-konfiska tal-vann ezebit kif ukoll tal-munizzjoni u tal-arma elevati. Il-Qorti kkundannat lill-istess imputat ghall-hlas ta` multa ta` elf ewro (€1,000) b'sitt (6) xhur zmien ghal hlas.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-3 ta' Marzu, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u fejn ordnat il-konfiska tal-vann ezebit kif ukoll tal-munizzjon u tal-arma elevati u *occorendo* wara li tisma' lill-rapprezentanti tad-Dipartiment tas-Sajd u tal-*Weapons Office*, tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-istess imputat ghall-hlas ta' multa ta' elf ewro (€ 1000) b'sitt (6) xhur zmien ta' hlas u minflok għar-raġunijiet fuq premessi tinfliġġi l-piena idoneja kontra l-imputat skont il-Liġi għar-reati addebitati lilu.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza tagħha hawn fuq riferita, ghamlet enunċazzjoni żbaljata tal-provi

kif miġjuba, nonche saħħet il-konklużjoni tagħha fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi, liema interpretazzjoni waslet lill-Qorti sabiex teroga piena li mhijiex fix-xorta u l-kwantita taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghall-ksur li jirrizulta li sehh f'dan il-kaz. Illi ghaldaqstant l-esponent qed jinterponi dan l-appell ghas-segwenti ragunijiet :-

**i. <u>Licenzja</u>**

Illi f'dan il-kaz l-appellat kien akkuzat talli kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon minghajr ma kellu licenzja taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula f'dan ir-rigward illi :-

> ***5.*** *(1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, ħadd ma għandu jżomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew iġorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma jkollu liċenza taħt dan l-Att.*

Illi fil-kaz in ezami, l-appellat instab fil-pussess ta' ammont kbir ta' munizzjon u huwa stess ammetta fl-istqarrija tieghu (a folio 26) li huwa ma ghandu l-ebda licenzja sabiex ikollu dan il-munizzjon. Illi l-appellat rregistra wkoll ammissjoni ghal din l-akkuza migjuba kontra tieghu fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Frar, 2015.

**ii. <u>Ammont ta' Munizzjon Stipulat bil-ligi</u>**

Illi l-appellat kien jinsab akkuzat ukoll talli instab fil-pussess ta' munizzjon li jeccedi l-hamest elef (5000) balla/skartocc u precizament talli kien fil-pussess ta' hamsin elf (50,000) balla/skartocc u dan bi ksur tar-Regolament 20(c) tal-Ligi Sussidjarja 480.02. Illi r-Regolament 20(c) tar-Regolamenti dwar il-Licenzji ghall-Armi, li jirregola d-drittijiet koncessi minn Licenzja A ta' Sparatur fuq Targets jistipula li :-

> *Bis-saħħa tal-liċenza mogħtija taħt din it-Taqsima, id-detentur ta' liċenza jkollu jedd jakkwista, iżomm, iġorr, juża u jneħħi xi jew kull waħda minn dawn li ġejjin:*

*(ċ) <u>ghadd li ma jaqbiżx ħamest elef</u> balla bħala munizzjon deskritti fl-Iskeda II li tinsab mal-Att għall-użu tal-armi*[1]

Illi fil-kaz in ezami, l-appellat instab fil-pussess ta' hamsin elf (50,000) balla/skartocc, liema ammont jeccedi b'mod ezorbitanti l-ammont ta' hamest elef balla stipulata bil-ligi ghall-persuni li jkollhom il-licenzja aposita. Illi l-appellat rregistra wkoll ammissjoni ghal din l-akkuza migjuba kontra tieghu fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Frar, 2015.

iii. **<u>Piena</u>**

Illi l-Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li :-

> *(2) Kull min jikser l-artikolu 5(1) ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux iżjed minn ħames snin:*
>
> *Iżda meta l-kundanna jkollha x'taqsam ma' pussess ta' armi regolari jew munizzjon ġewwa xi fond jew il-ksur jitqies bħala wieħed żgħir ħafna mill-Qorti, u wara li titqies xi tkun il-kwantità jew il-kwalità tal-armi tan-nar jew tal-munizzjon il-Qorti tkun sodisfatta li dawn ma kienux qeghdin hekk jinżammu għall-bejgħ jew għal xi xorta ta' negozju ieħor jew inkella biex isir użu minnhom kontra l-liġi, il-ħati jista' jeħel multa ta' mhux anqas minn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

Illi l-esponent jemmen li in vista ta' dak kollu suespost, il-piena li kellha tigi applikata mill-Qorti tal-Magistrati kienet il-piena kontemplata fl-ewwel parti tal-Artikolu 5(1) hawn fuq citat, u cioe' l-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn tliet xhur u mhux izjed minn hames snin.

[1] Enfasi tal-Esponent

Illi l-esponent jirrileva li fl-umli fehma tieghu ma kelliex tigi applikata l-piena alternattiva ndikata fil-proviso tal-istess Artikolu u dan stante li jirrizulta ben car illi
l-ammont ta' hamsin elf (50,000) skartocc jeccedi b'mod lampanti l-ammont ta' hamest elef (5000) balla stipulata bil-ligi u ma jistghax jitqies bhala ksur zghir hekk kif ritenut mill-Qorti tal-Magistrati ! Illi ghaldaqstant l-esponent hassu ferm aggravat meta l-Qorti tal-Magistrati ghamlet s-segwenti konsiderazzjonijiet meta waslet sabiex teroga piena :-

(a) Illi l-Qorti tal-Magistrati kkunsidrat illi *"l-imputat huwa sajjied irregistrat u giet assenjata lilu kwota tat-tonn;"* Illi ghalkemm ma huwiex kontestat li l-appellat huwa sajjied registrat, il-prosekuzzjoni ma thallietx tressaq in sostenn tas-sottomissjonijiet taghha rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sajd sabiex ikun jista' jixhed dwar jekk fil-fatt kinetx giet assenjata kwota ta' tonn lill-appellat, u f'kaz affermativ sabiex jixhed dwar l-ammont ta' din il-kwota. Illi ghaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati ma kinetx fil-posizjoni li tkun taf l-ammont tal-kwota ta' dan it-tonn li ghandu l-appellat u strahet biss fuq is-sottomissjonijiet li saru mid-difiza f'dan ir-rigward!

(b) Illi l-Qorti tal-Magistrati kkunsirdat ukoll *"illi l-arma regolari hija tan-natura power head u ghalhekk tidher li hija wzata biss ghall-qtil ta` hut kbir sabiex dan jittella fuq il-bastiment tas-sajd;"* Illi fir-rigward ta' din l-arma li ssir referenza ghaliha mill-Qorti, jigi rilevat li fuq ammissjoni tal-imputat stess fl-istqarrija tieghu a folio 26, huwa ghandu senter Pietro Berretta li huwa licenzjat f'ismu *"to keep"* biss u ghalhekk il-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati appena citata hija ghal kollox superfluwa f'kuntest fejn l-appellat ma ghandux licenzja sabiex juza l-istess arma sabiex jispara, izda ghandu biss licenzja ta' kollettur! Illi jigi rilevat f'dan ir-rigward li l-prosekuzzjoni lanqas ma thalliet tressaq in sostenn tas-sottomissjonijiet taghha rapprezentant tal-*Weapons Office*.

(c) Illi konsiderazzjoni ohra li saret mill-Qorti tal-Magistrati hija dik fir-rigward tal-*"hamsin elf (50000) balla jew skartocc, meta l-ligi tistipola massimu ta` hames t'elef (5000) balla jew skartocc"*, fejn il-Qorti rriteniet illi *"hija giet rassikurata mid-difiza li dan l-ammont huwa sahansitra bizzejjed ghal ghaxar sajdied u ghalhekk tenendo conto tas-sena tal-*

*imputat jista` jitqies bhala stock zghir sabiex huwa jkun jista` jipprattika l-professjoni;"* Illi l-esponent jirrielva li **nonostante l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ma semghatx ix-xhieda ta' rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sajd**, l-istess Qorti ghazlet li tistrieh fuq ir-riassikurazzjoni tad-difiza li l-ammont ta' munizzjon misjub huwa bizzejjed ghal ghaxar sajded u ddecidiet li tikkonsidra l-ammont ta' hamsin elf (50,000) skartocc bhala *"stock zghir",* konsiderazzjoni li l-esponent assolutament ma jistghax jaqbel maghha fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u dan meta jirrizulta bic-car li hemm ksur lampanti tar-Regolamenti hawn fuq citati.

Illi *in oltre* l-esponent jirrileva ulterjorment illi huwa jinsab aggravat ukoll b'dik il-parti tad-decide fejn il-Qorti tal-Magistrati rrilevat li hija tinsab sodisfatta li f'dan il-kaz il-ksur huwa wiehed zghir hafna u li ghaldaqstant ghazlet li ma timponix piena karcerarja stipulata fl-ewwel parti tal-artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-esponent huwa tal-umli fehma li ghar-ragunijiet suesposti, il-piena applikabbli kellha tkun dik kontemplata fl-ewwel parti tal-artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula piena ta' prigunerija għal żmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux iżjed minn ħames snin. Illi ghaldaqstant il-piena erogata ta' elf euro (€1000) multa ma hijiex fix-xorta u il-kwantita' taghha dik kontemplata mill-ligi ghall-ksur lampanti li tieghu l-appellat instab hati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell tal-Avukat Generali jirrigwarda l-erogazzjoni tal-piena da parti tal-ewwel Qorti.

Illi l-Avukat Generali hu tal-fehma li mill-ammissjoni da parti tal-appellat u mill-assjem tal-provi u tal-ammisjoni magghmula mill-appellant il-piena erogata ta' multa mhiex in linea mal-dettami

tal-ligi.  Fil-fatt, l-ewwel Qorti erogat piena ta' multa ta' elf euro (€1,000) meta kellha teroga piena ta' prigunerija.  L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni billi kkonsiderat l-istock ta' hamsin elf skartoc (50,000) bhala wiehed zghir.

Illi skont ir-Regolament 20(c) tal-Ligi Sussidjarja 480.02 l-ammont massimu stipulat hu ta' hames telef balla (5,000). Dan il-fatt igib il-kokluzjoni li l-ammont li kien fil-pussess tal-appellat hu ferm ikbar minn dak awtorizzat.  Ghalhekk, l-appell tal-Avukat Generali ghandu jirnexxi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellat, Michael Carabott, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ordnat il-konfiska tal-van, kif ukoll tal-munizzjon u tal-arma ezebiti.  Dwar il-piena.  Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tikkundanna lil Michael Carabott ghal piena ta' sena prigunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u tordna li tali piena ma sehh hlief jekk l-hati jikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien erba' snin mil-lum.